



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 102/09**  
Il-Lussemburgu, 19 ta' Novembru 2009

Sentenza fil-Kawżi magħquda C-402/07 u C-432/07  
Sturgeon vs Condor Flugdienst GmbH u Böck *et vs* Air France SA

## **Il-passiġġieri ta' titjiriet imdewma jista' jkollhom dritt għal kumpens**

*Meta jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom tliet sigħat jew iktar wara l-ħin tal-wasla skedat, huma jistgħu, bħall-passiġġieri ta' titjiriet ikkanċellati, jitolbu kumpens b'rata fissa mingħand il-kumpannija tal-ajru, sakemm id-dewmien ma jkunx dovut għal ċirkustanzi straordinarji*

F'sentenza mogħtija illum, il-Qorti tal-Ġustizzja tispesifika d-drittijiet li l-passiġġieri ta' titjira mdewma għandhom fil-konfront tal-kumpannija tal-ajru skont ir-Regolament Komunitarju li jirrigwarda l-kumpens u l-assistenza tal-passiġġieri tal-ajru<sup>1</sup>.

Dan ir-regolament jipprovdi li fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri jistgħu jirċievu kumpens b'rata fissa ta' ammont bejn EUR 250 u EUR 600 (punt 40). Min-naħa l-oħra, ir-regolament ma jipprovdi espressament li l-passiġġieri ta' titjiriet imdewma jibbenefikaw ukoll minn tali dritt (punt 41).

Bis-sentenza tagħha mogħtija illum, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għal diversi domandi li sarulha mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) u l-Handelsgericht Wien (l-Awstrija). Dawn il-qradi nazzjonali għandhom jiddeċiedu dwar rikorsi li permezz tagħhom passiġġieri qed jitolbu, mingħand Condor u mingħand Air France rispettivament, il-ħlas tal-kumpens stipulat mir-regolament fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, minħabba li dawn il-kumpanniji tal-ajru wassluhom fl-ajruport tad-destinazzjoni b'dewmien ta' 25 u ta' 22 siegħa meta mqabbel mal-ħin tal-wasla skedat (punt 27).

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li t-tul tad-dewmien, anki jekk sinjifikattiv, mhuwiex biżżejjed sabiex it-titjira titqies li hija kkanċellata (punt 33). Titjira mdewma, irrispettivament mit-tul tal-dewmien, ma tistax titqies li hija kkanċellata meta, apparti l-ħin tat-tluq, l-elementi l-oħra kollha tat-titjira kif inizjalment skedati, fosthom ir-rotta, ma jinbidlux (punti 30 sa 34). Min-naħa l-oħra, jekk il-kumpannija tal-ajru tiżgura, wara l-ħin tat-tluq skedat, it-trasport tal-passiġġieri fuq titjira oħra, jiġifieri titjira li kienet skedata indipendentement minn dik li għaliha l-passiġġieri kienu għamli r-reżervazzjoni tagħhom, it-titjira tista', bħala regola, titqies li hija kkanċellata (punti 35 u 36). Sabiex titjira tiġi kklassifikata bħala kkanċellata, mhuwiex deċiżivi l-indikazzjonijiet li jitqegħdu fil-bord tal-avviżi tal-ajruport jew l-informazzjoni mogħtija mill-persunal, il-fatt li l-passiġġieri jieħdu lura l-bagalji tagħhom jew jiksbu karti ta' imbarkazzjoni ġodda jew saħansitra li jkun hemm bidla fil-kompożizzjoni tal-grupp tal-passiġġieri (punti 37 u 38).

Konsegwentement, fir-rigward tad-dritt għal kumpens, stipulat mir-regolament favur passiġġieri li t-titjira tagħhom tkun ġiet ikkanċellata, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-passiġġieri affettwati b'dewmien isofru dannu simili, konsistenti f'telf ta' ħin, u għalhekk isibu ruħhom f'sitwazzjoni komparabbli (punt 54). Fil-fatt, il-passiġġieri ta' titjira kkanċellata f'qasir żmien għandhom dritt għal kumpens anki jekk jitwasslu b'rotta oħra mill-kumpannija tal-ajru permezz ta' titjira oħra, sakemm huma jtilfu tliet sigħat jew iktar meta mqabbla mal-ħin tal-wasla inizjalment skedat (punt 57). Mhuwiex iġġustifikat li l-passiġġieri ta' titjiriet imdewma jiġu ttrattati b'mod differenti, meta huma jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom tliet sigħat jew iktar wara l-ħin tal-wasla inizjalment skedat (punt 61).

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jithallexx jitolbu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet (ĠU 2004, L 46 p.1).

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li tali dewmien ma jagħtix dritt għal kumpens jekk il-kumpanija tal-ajru tkun tista' tipprowa li d-dewmien kien dovut għal ċirkustanzi straordinarji li fuqhom hija m'għandhiex kontroll effettiv u li ma setgħux jiġu evitati minkejja li ttiefdu l-miżuri kollha raġonevoli (punt 69). F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li problema teknika fuq ajruplan ma tistax titqies li hija ċirkustanza straordinarja, ħlief jekk il-problema tirriżulta minn avvenimenti li, minħabba n-natura jew l-oriġini tagħhom, mhumiex inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tal-kumpanija tal-ajru kkonċernata u li fuqhom hija m'għandhiex kontroll effettiv (punt 70).

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema identika.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)." ☎ (+32) 2 2964106*